MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 2317/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurata taghha Tarcisio Caruana Limited (C29971) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Tarcisio Caruana Limited**

**vs**

**David Fenech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' hames mija u ghaxar liri u sitta u disghin centezmu (Lm510.69) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-21 ta' Jannar, 2004, fi Triq F.M. Ferretti, l-Qajjenza, Birzebbugia, bejn il-vettura bin-numru EAX 326 misjuqa mill-konvenut, u l-vettura**

**numru JBF 256 misjuqa minn Tarcisio Caruana u proprjeta’ ta’ l-assikurata tas-socjeta’ attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta’ l-assikurata taghha, liema ncident sehh unikament tort tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.**

**L-ammont mitlub jinkludi hamsin lira (Lm50.00) ‘Excess’ imhallsa mill-assikurata tas-socjeta’ attrici, Tarcisio Caruana Limited, li kienet assikurata taht polza ‘comprehensive’ mas-socjeta’ attrici.**

**Interpellat sabiex ihallas permezz ta’ ittra ufficjali datata 18 ta’ Awissu, 2004, il-konvenut baqa’ nadempjenti.**

**Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta’ Awissu, 2004, u bl-imghax pagabbli mit-18 ta’ Awissu, 2004, sal-gurnata tal-hlas effettiv, kontra l-konvenut li hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenutipprezentata fit-28 ta’ Jannar, 2005 fejn gie eccepit :**
**It-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ikunu michuda bl-ispejjez, stante li l-incident stradali in kwistjoni ma sehhx b’tort ta’ David Fenech, imma unikament b’tort ta’ Tarcisio Caruana, is-sewwieq l-iehor involut fl-istess incident, u dana minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti l-istess Tarcisio Caruana, u ghalhekk David Fenech m’ghandu jkun ikkundannat ihallas ebda danni.**

**Minghajr pregudizzju ghall-premess, l-atturi jridu jaghmlu prova tad-danni rejalment subiti minnhom.**

**Semgha x-xhieda ta’ PS 1312 Hadrian Sultana, Tarcisio Caruana u David Fenech. Ra l-atti u d-**

**dokumenti kollha tal-kawza. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**

**1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fil-21 ta' Jannar, 2004 fi Triq F M Ferretti, l-Qajjenza, Birzebbuga, bejn il-vettura numru EAX 326 misjuqa mill-konvenut u l-vettura JBF 256 misjuqa minn Tarcisio Caruana u proprjeta' tas-socjeta' attrici Tarcisio Caruana Limited.**

**2. Jirrizulta illi l-konvenut kien qed isuq truck bic-cilindri vojta tal-gas, niezel lejn Birzebbuga fid-direzzjoni ta' Ghar Dalam. L-attur kien gej mid-direzzjoni opposta.**

**3. Jirrizulta illi fit-triq imsemmija fil-hin ta' l-incident kien hemm vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq, u dana kif xehed is-Surgent PS 1312 Sultana. Jirrizulta illi l-incident sehh proprju quddiem hanut "ironmongery" li jinsab proprju fl-imsemmija triq.**

**4. Jirrizulta illi proprju quddiem l-ironmongery kien hemm karozza "double parked".**

**5. Jirrizulta wkoll illi kien hemm skid mark tal-vettura ta' l-attur u dan kif indikat fl-iskizz Dok GMI 8. It-Tribunal fir-rigward jirrileva illi tali skid mark fil-fatt grat meta bil-kollizzjoni l-vettura ta' l-attur giet spustjata lagenba.**

**6. It-Tribunal qies dak li xehed il-konvenut fis-sens illi dana qal li f'salt sab il-vann li habat mieghu li kien hareg minn naha tal-parkegg illi kien hemm fuq in-naha tat-triq fejn hemm il-hanut. It-Tribunal ikkunsidra illi skond ma jghid il-konvenut ma applikax il-break ghax inhasad.**

**7. It-Tribunal ghamel enfazi anke f'domandi li t-Tribunal stess ghamel lill-konvenut dwar il-ghala t-truck tal-gas kien qieghed miksur lejn il-lemin u ghat-twegiba tal-konvenut meta dana qal ghax rah gej. It-Tribunal innota wkoll illi l-istess konvenut fil-bidu tad-deposizzjoni tieghu qal kontestwalment dan il-kliem "naqbel li spiccajna mahbuta kif indikat fl-iskizz." Fl-ahhar tad-deposizzjoni tieghu in kontro ezami l-istess konvenut qal "ma naqbilx ma' l-iskizz, fis-sens illi**

**jiena kont ghad-dritt u mhux angolat". Dana kollu jhalli dubbji serji dwar il-veracita' li qed ighid il-konvenut.**

**8. It-Tribunal hu tal-fehma li l-konvenut kien niezel b'vejikolu ta' certu piz, sab vettura double parked, kiser lejn il-lemin biex jaqbez din il-vettura u b'hekk gie li nvada l-karreggjata li minnha kien ghaddej l-attur. Tassew it-Tribunal ma jistax jigbed konkluzzjoni illi l-konvenut ma zammewlux il-brekijiet kif allegat mill-attur. Pero' l-indikazzjoni hija cara illi l-manuvra li ghamel il-konvenut kienet wahda negligenti ghall-ahhar in kwantu, tenut kont ukoll tal-vejikolu partikolari li kien qed isuq u tac-cirkostanzi partikolari ta' fejn sehh l-incident, dana ma uzax id-debita diligenza meta kien qed jaghmel manuvra li biha kien qed jinvadi l-karreggjata opposta.**

**9. Dwar il-punt jekk hemmx xi element ta' kontributorjeta' da parti ta' l-attur in kwantu li dan hareg mill-parkegg jinghad illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement illi meta hareg mill-parkegg kien certu distanza l-boghod minn fejn sehh l-incident u kien gia gie ghad-dritt.**

**10. Ghalhekk ghall-incident ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut.**

**11. Id-danni jirrizultaw pruvati fis-somma mitluba u dana skond ma jirrizulta mid-Dok GMI 1 sa GMI 6 esebiti.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh u jikkundannah ihallas lis-socjeta' attrici GasanMamo Insurance Limited is-somma ta' erba' mija u sittin lira u disa' u sittin centezmu (Lm460.69), u lis-socjeta' Tarcisio Caruana Limited is-somma ta' hamsin lira (Lm50.00), ilkoll bl-imghaxijiet mit-18 ta' Awissu, 2004 sal-gurnata tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-18 ta' Awissu, 2004, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-ligi.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------